32006E0276

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/276/PESK

ta' l-10 ta' April 2006

dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2004/661/PESK

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Settembru 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/661/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus [1] fir-rigward ta' ċerti uffiċjali tal-Belarus li huma responsabbli sabiex, iżda naqsu milli, jagħtu bidu għal investigazzjoni indipendenti u għall-prosekuzzjoni tad-delitti allegati u ta' dawk li huma kunsidrati mir-Rapport Pourgourides bħala l-atturi ċentrali fl-għajbien ta' erba' persuni magħrufa sew fil-Belarus fl-1999/2000 u l-ħabi sussegwenti tal-provi relatati, minħabba l-ostruzzjoni apparenti minnhom tal-ġustizzja.

(2) Fit-13 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/848/PESK [2] li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/661/PESK sabiex tespandi l-firxa tal-miżuri restrittivi għal persuni li huma direttament responsabbli għall-elezzjonijiet u r-referendum frodulenti fil-Belarus fis-17 ta' Ottubru 2004 u għal dawk li huma responsabbli għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem waqt ir-repressjoni tad-dimostranti paċifiċi wara l-elezzjonijiet u r-referendum fil-Belarus.

(3) Fit-23 ta' Marzu 2006, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-azzjoni meħuda dakinhar mill-awtoritajiet tal-Belarus meta arrestaw dimostranti paċifiċi waqt l-eżerċizzju tad-dritt leġittimu tagħhom ta' għaqda libera sabiex jipprotestaw kontra t-tmexxija ta' l-elezzjoni presidenzjali fil-Belarus fid-19 ta' Marzu 2006. Il-Kunsill Ewropew iddeplora n-nuqqas ta' l-awtoritajiet tal-Belarus li jissodisfaw l-impenji OSCE għal elezzjonijiet demokratiċi u jikkunsidra li l-elezzjonijiet presidenzjali fil-Belarus kienu vizjati fundamentalment.

(4) Il-Kunsill Ewropew konsegwentement iddeċieda li l-UE għandha tadotta miżuri restrittivi kontra dawk responsabbli għall-vjolazzjonijiet ta' *standards* elettorali internazzjonali, inkluż il-President Lukashenko.

(5) Għandhom jiġu adotti miżuri restrittivi wkoll kontra t-tmexxija tal-Belarus u kontra l-uffiċjali responsabbli għall-vjolazzjonijiet ta' *standards* elettorali internazzjonali u għar-repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.

(6) Il-miżuri restrittivi imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2004/661/PESK, kif emendata mill-Pożizzjonijiet Komuni 2004/848/PESK, u l-miżuri restrittivi addizzjonali għandhom ikunu konsolidati fi strument wieħed. Il-Pożizzjoni Komuni 2004/661/PESK għandha għalhekk tiġi mħassra.

(7) Fir-rigward tal-miżuri msemmija fil-premessa (1), l-UE sejra tirrivedi l-pożizzjoni tagħha fid-dawl ta' l-iżviluppi futuri, b'kont meħud tar-rieda ta' l-awtoritajiet relevanti tal-Belarus li jiżguraw li l-għajbien jiġu investigati b'mod sħiħ u trasparenti u li dawk responsabbli għad-delitti jingħiebu quddiem il-ġustizzja.

(8) Il-miżuri restrittivi kontra l-persuni direttament responsabbli għall-elezzjonijiet u r-referendum frodulenti fil-Belarus fis-17 ta' Ottubru 2004 u dawk li huma responsabbli għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-repressjoni tad-dimostranti paċifiċi wara l-elezzjonijiet u r-referendum, għandhom jiġu riveduti fid-dawl tar-riformi li saru fil-Kodiċi Elettorali sabiex isir konformi ma' l-impenji OSCE u ma' *standards* oħrajn internazzjonali għal elezzjonijiet demokratiċi kif rakkomandat mill-OSCE/ODIHR, u fid-dawl ta' azzjonijiet konkreti mill-awtoritajiet sabiex jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem fir-rigward ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi.

[1] ĠU L 301 ta' l-28.9.2004, p. 67. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bil-Pożizzjoni Komuni 2005/666/PESK (ĠU L 247 tat-23.9.2005, p. 40).

[2] ĠU L 367, 14.12.2004, p. 35.

(9) Il-miżuri restrittivi kontra l-persuni responsabbli għal vjolazzjonijiet ta' *standards* elettorali internazzjonali waqt l-elezzjonijiet tad-19 ta' Marzu 2006 u għar-repressjoni kontra s-soċjetà ċivili fil-kontest ta' dawn l-elezzjonijiet, għandhom jiġu riveduti fid-dawl tal-ħelsien rapidu u r-rijabilitazzjoni tad-detenuti politiċi kollha, u fid-dawl tar-riformi fil-Kodiċi Elettorali sabiex isir konformi ma' l-impenni OSCE u *standards* oħrajn internazzjonali għal elezzjonijiet demokratiċi kif rakkomandat mill-OSCE/ODIHR, it-tmexxija ta' elezzjonijiet futuri u azzjonijiet konkreti mill-awtoritajiet sabiex jiġu rispettati l-valuri demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' l-espressjoni u tal-medja, u l-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni politika,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu d-dħul, jew it-transitu, fit-territorji tagħhom, ta' persuni, li huma responsabbli:

(a) sabiex, iżda naqsu milli, jagħtu bidu għal investigazzjoni indipendenti u għall-prosekuzzjoni tad-delitti allegati u ta' dawk li huma kunsidrati mir-Rapport Pourgourides bħala l-atturi ċentrali fl-għajbien ta' erba' persuni magħrufa sew fil-Belarus fl-1999/2000 u l-ħabi sussegwenti tal-provi relatati, minħabba l-ostruzzjoni apparenti minnhom tal-ġustizzja, kif elenkati fl-Anness I;

(b) għall-elezzjonijiet u r-referendum frodulenti fil-Belarus fis-17 ta' Ottubru 2004 u għal dawk li huma responsabbli għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem waqt ir-repressjoni tad-dimostranti paċifiċi wara l-elezzjonijiet u r-referendum fil-Belarus, kif elenkati fl-Anness II;

(c) għall-vjolazzjonijiet ta' *standards* elettorali internazzjonali waqt l-elezzjonijiet presidenzjali fil-Belarus fid-19 ta' Marzu 2006, u r-repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, kif elenkati fl-Anness III.

2. Il-paragrafu 1 ma jobbligax Stat Membru li jiċħad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun bla preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut b'xi obbligu skond il-liġi internazzjonali, jiġifieri:

(i) bħala pajjiż li jospita organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(ii) bħala pajjiż li jospita konferenza internazzjonali mlaqqa' min-Nazzjonijiet Uniti jew taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti;

(iii) taħt xi ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet;

jew

(iv) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni ta' l-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jiġi kkunsidrat bħala applikabbli wkoll fil-każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiz li jospita l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE).

5. Il-Kunsill għandu jkun debitament informat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skond il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat abbażi ta' ħtieġa urġenti umanitarja, jew abbażi ta' l-attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni Ewropea, jew li ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali ta' l-OSCE, fejn jitmexxa djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt fil-Belarus.

7. Kull Stat Membru li jixtieq jagħti eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni tiġi kunsidrata bħala mogħtija sakemm wieħed mill-Membri tal-Kunsill jew iktar ma jagħmlux oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol mir-riċezzjoni tan-notifika ta' l-eżenzjoni proposta. Fil-każ li wieħed jew iktar mill-membri tal-Kunsill jagħmlu oġġezzjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn, skond il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, xi Stat Membru jawtorizza d-dħul jew transitu fit-territorju tiegħu ta' persuni elenkati fl-Annessi I, II u III, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih hija ġiet mogħtija u għall-persuni konċernati biha.

Artikolu 2

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni, għandu jadotta modifiki għal-listi li jinsabu fl-Annessi I, II u III kif ikun meħtieġ mill-iżviluppi politiċi fil-Belarus.

Artikolu 3

Sabiex ikun massimizzat l-impatt tal-miżuri hawn fuq imsemmija, l-Unjoni Ewropea għandha tinkoraġġixxi lil Stati terzi sabiex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk li jinsabu f'din il-Pożizzjoni Komuni.

Artikolu 4

Din il-Posizzjoni Komuni għandha tapplika għal perjodu ta' tnax-il xahar. Għandha tinżamm taħt reviżjoni kontinwa. Għandha tiġi mġedda, jew emendata skond il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ġewx sodisfatti.

Artikolu 5

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/661/PESK hija b'dan imħassra.

Artikolu 6

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tibda jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 7

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, nhar l-10 ta' April 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
U. PLASSNIK

ANNESS I

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1, paragrafu 1(a)

1. SIVAKOV, YURY (YURIJ) Leonidovich, *ex*-Ministru tat-Turiżmu u ta' l-Isport tal-Belarus, imwieled fil-5 ta' Awissu 1946, fir-Reġjun ta' Sakhalin, dik li qabel kienet ir-Repubblika Sovjetika Federattiva Soċjalista Russa.

2. SHEYMAN (SHEIMAN), VICTOR Vladimirovich, Segretarju Statali tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Belarus, imwieled fis-26 ta' Mejju 1958, fir-reġjun ta' Grodno.

3. PAVLICHENKO (PAVLIUCHENKO), DMITRI (Dmitry) Valeriyevich, Kap tal-Grupp Speċjali ta' Reazzjoni fil-Ministeru ta' l-Intern (SOBR) tal-Belarus, imwieled fl-1966 fi Vitebsk.

4. NAUMOV, VLADIMIR Vladimïrovich, Ministru ta' l-Intern, imwieled fl-1956.

———

ANNESS II

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1, paragrafu 1(b)

1. Lydia Mihajlovna YERMOSHINA, President tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet tal-Belarus, imwielda fid-29 ta' Jannar 1953 fi Slutsk (Reġjun ta' Minsk).

2. Yuri Nikolaevich PODOBED, Tenent-Kurunell tal-Milizzja, Unità għal Skopijiet Speċjali (OMON), Ministeru għall-Affarijiet Interni, imwieled fil-5 ta' Marzu 1962 fi Slutsk (Reġjun ta' Minsk).

———

ANNESS III

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1, paragrafu 1(ċ)

1. LUKASHENKO Aleksandr Grigorievich (30.08.1954. Kopys, Vitebsk oblast) President

2. NIEVYHLAS Hienadz Mikalayevich; Nevyglas Gennady Nikolaevich (11.02.1954. Parahonsk, distrett ta' Pinsk) Kap ta' l-Amministrazzjoni tal-President

3. PETKEVICH Nataliya Vladimirovna (1972. Minsk) Deputat Kap ta' l-Amministrazzjoni Presidenzjali

4. RUBINOV Anatoly Nikolaevich (1940.) Deputat Kap inkarigat mill-medja u l-ideoloġija, PA

5. PRALIASKOWSKI Alieh Vitoldavich; Proleskovskiy Oleg Vitoldovich (01.10.1963. Zagorsk - Russia, issa Sergijev Posad) Ajjutant u Kap tad-Dipartiment Ideoloġiku Prinċipali, PA

6. RADKOV Aleksandr Mikhailovich (01.07.1951. Votnya) Ministru ta' l-Edukazzjoni

7. RUSAKEVICH Vladimir Vasilevich (13.09.1947. Vygonoshchi) Ministru ta' l-Informazzjoni

8. HALAVANAW Viktar Ryhoravich; Golovanov Viktor Grigorevich (1952. Borisov) Ministru tal-Ġustizzja

9. ZIMOWSKI Aliaksandr Lieanidavich; Zimovsky Alexander Leonidovich (10.01.1961. Possibilment l-Ukraina) Membru tal-Kamra Superjuri tal-Parlament; Kap tal-Kumpannija Nazzjonali tat-Teleradju ta' l-Istat)

10. KANAPLIOW Uladzimir Mikalayevich; Konoplyev Vladimir Nikolaevich (03.01.1954. Akulintsy) President tal-Kamra Inferjuri tal-Parlament

11. CHARHINIETS Mikalay Ivanavich; Cherginets Nikolai Ivanovich (17.10.1937. Minsk) President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra Superjuri

12. KASTSIAN Siarhiey Ivanavich; Kostyan Sergey Ivanovich (15.01.1941. Usokhi, Mogilev oblast) President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra Inferjuri

13. ORDA Mikhail Siarhieyevich, Orda Mikhail Sergeyevich (28.09.1966. Dyatlovo, Grodno oblast) Membru tal-Kamra Superjuri, mexxej tal-BRSM

14. LOZOVIK Nikolay Ivanovich (1951.Nevinyany, Minsk oblast), Deputat tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet tal-Belarus

15. MIKLASHEVICH Pyotr Petrovich (1954. Kosuta, Minsk oblast) Prosekutur Ġenerali

16. SLIZHEVSKY Oleg Leonidovich, Kap tad-Diviżjoni ta' l-Organizzazzjonijiet, Gruppi u NGOs Soċjali, Ministeru tal-Ġustizzja

17. KHARITON Alexandr, Konsulent tad-Diviżjoni ta' l-Organizzazzjonijiet, Gruppi u NGOs Soċjali, Ministeru tal-Ġustizzja

18. SMYRNOV Yevgeny (1949. Ryazan oblast, Russia) Deputat Ewlieni tal-President tal-Qorti ta' l-Ekonomija

19. REUTSKAYA Nadezhda, Imħallef tad-distrett ta' Moska ta' Minsk

20. TRUBNIKOV Nikolay, Imħallef tad-distrett ta' Partizanskiy ta' Minsk

21. KUPRIYANOV Nikolai, Prosekutur ta' Minsk

22. SUKHORENKO Stepan Nikolaevich (27.01.1957. Zdudichi, Mogilev oblast) President tal-KGB

23. DEMENTEI Vasily Ivanovich, Deputat Ewlieni, KGB

24. KOZIK Lieanid Piatrovich; Kozik Leonid Petrovich (13.07.1948. Borisov) Kap tal-Federazzjoni tad-*Trade Unions*

25. KOLEDA Alexandr, President tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet ta' l-oblast ta' Brest

26. USOV, N.D., President tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet ta' l-oblast ta' Gomel

27. LUCHINA Leonid, President tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet ta' l-oblast ta' Grodno

28. KRAVCHENKO Tayana Aleksandrovna, President tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet tal-Belt ta' Minsk

29. KURLOVICH Vladimir, President tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet ta' l-oblast ta' Minsk

30. METELITSA Nikolai, President tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet ta' l-oblast ta' Mogilev

31. PISCHULENOK, M.V., President tal-Kummissjoni Ċentrali ta' l-Elezzjonijiet ta' l-oblast ta' Vitebsk